



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373(COD)

14248/23
ADD 6

ENV 1129
MI 862
IND 535
CONSOM 367
COMPET 996
MARE 22
PECHE 439
RECH 452
SAN 593
ENT 215
ECOFIN 1053
CODEC 1895
IA 259

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 333 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT <i>Li jakkumpanja d-dokument</i> Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 333 final.

Mehmuż: SWD(2023) 333 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023
SWD(2023) 333 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-
mikroplastik**

{COM(2023) 645 final} - {SEC(2023) 346 final} - {SWD(2023) 330 final} -
{SWD(2023) 332 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-pellets tal-plastik, minħabba n-natura u d-daqs tagħhom, jitqiesu bħala mikroplastiks. It-tniġġis mill-mikroplastik qiegħed isir dejjem aktar sors ta' tħassib pubbliku u xjentifiku. Il-mikroplastik huwa preżenti fl-ambjent minħabba (1) id-degradazzjoni ta' biċċiet akbar ta' plastik mhux mormija b'mod xieraq, mormija jew abbandunati fl-ambjent, (2) l-użu ta' prodotti li jkun fihom mikroplastiks miżjuda intenzjonalment u (3) rilaxxi mhux intenzjonati ta' mikroplastiks. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tindirizza sors wieħed ta' dawn ir-rilaxxi mhux intenzjonati wara investigazzjoni preliminari sabiex jiġu identifikati u kkaratterizzati s-sorsi ewlenin. Din l-inizjattiva tiffoka fuq il-pellets tal-plastik, it-terminu ġeneriku użat sabiex jirreferi għall-materja prima għall-prodotti kollha tal-plastik li jistgħu jiġu f'forom differenti (pellets, tqarqiċ, trab, eċċ.). Jekk jintilfu fl-ambjent, il-pellets jikkostitwixxu t-tielet l-akbar sors ta' mikroplastik rilaxxat fl-ambjent. Dan l-istudju jistma li bejn 52 u 184 elf tunnellata ta' pellets jintilfu kull sena (ċifri tal-2019). Ladarba jispiċċaw fl-ambjent, il-pellets ikunu kważi impossibbli li jinġabru, ikunu estremament mobbli u magħrufa li jittiekl minn firxa ta' organiżmi u annimali, li jikkawżaw ħsara lill-bijodiversità u lill-ekosistemi, u potenzjalment lis-saħħa tal-bniedem. Il-pellets jistgħu jiddiżintegraw f'partikoli iżgħar, li l-potenzjal tagħhom li jikkawżaw ħsara jista' jkun saħansitra akbar minħabba l-għadd oġġa u d-daqs iżgħar tagħhom. It-telf tal-pellets iseħħ f'kull stadju tal-katina tal-provvista (produtturi, konvertituri, riċiklaturi, fornituri tat-trasport u tal-ħżin, stazzjonijiet tat-tindif tat-tankijiet) prinċipalment minħabba prattiki ħżiena ta' mmaniġġar tal-pellets u għalhekk fil-biċċa l-kbira jistgħu jiġu evitati. Dawn il-prattiki ħżiena ta' mmaniġġar tal-pellets huma r-riżultat ta' diversi fatturi: - Hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni tul il-katina tal-provvista dwar il-volum ta' dan it-telf, l-impatti tagħhom u kif għandhom jiġu evitati; - Ma hemm l-ebda inċentiv ekonomiku sabiex jitnaqqas it-telf tal-pellets, peress li l-ħsara kkawżata ma tiġix internalizzata fil-prezz tal-pellets; u - Ma hemm l-ebda qafas regolatorju kurrenti li jindirizza b'mod komprensiv l-immaniġġar tal-pellets tul il-katina tal-provvista.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva tagħti kontribut sostanzjali sabiex jintlaħqu l-impenji li saru fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għall-Plastiks, fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, u fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Din għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis relatat mal-mikroplastik billi tipprevjeni u tnaqqas it-telf tal-pellets fl-ambjent li huwa dovut għall-prattiki kurrenti tal-immaniġġar tal-pellets. Dan jissarraf fi tliet objettivi speċifiċi: (1) It-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-telf tal-pellets għal livell konsistenti mal-mira ta' tnaqqis ta' 30 % tal-Kummissjoni għall-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent sal-2030 (meta mqabbla mal-livelli tal-2016); (2) It-titjib ta' informazzjoni dwar il-kobor tat-telf tal-pellets tul il-katina tal-provvista; u (3) L-iżgurar tal-mitigazzjoni xierqa tal-impatti tal-miżuri relatati fuq l-SMEs involuti fil-katina tal-provvista.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tniġġis mill-pellets huwa kwistjoni transfruntiera minħabba l-mobbiltà tal-pellets fl-ambjent kif ukoll in-natura transfruntiera tal-attivitajiet ta' mmaniġġar tal-pellets u tal-ktajjen tal-provvista. L-azzjoni nazzjonali waħedha ma tistax tindirizza din il-problema, filwaqt li azzjoni fil-livell tal-UE se

tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali madwar l-UE.

Azzjoni fil-livell tal-UE se tipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern billi tiżgura li l-operaturi kollha jkunu soġġetti għall-istess regoli, u b'hekk ikun hemm kundizzjonijiet ekwi. Dan se jgħin sabiex tiġi koperta l-katina tal-provvista kollha u se jkun aktar kosteffettiv minn azzjonijiet speċifiċi għas-settur jew daww nazzjonali.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-għażliet differenti sabiex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm xi għażla ppreferuta?

Abbażi ta' rieżami tal-letteratura u l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati (għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) u l-istħarriġ immirat tal-SMEs), tqiesu erba' għażliet ta' politika:

Għażla 1: Metodoloġija standardizzata obbligatorja biex jitkejjel it-telf tal-pellets;

Għażla 2: Rekwiżiti obbligatorji (ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija eż. Operation Clean Sweep) sabiex jiġi evitat u jitnaqqas it-telf tal-pellets f'liġi għdida tal-UE, b'ċertifikazzjoni obbligatorja tal-kumpaniji, u tliet subgħażliet b'rekwiżiti inqas stretti għal:

2a: mikrokumpaniji;

2b: kumpaniji mikro u żgħar;

2c: kumpaniji mikro, żgħar u ta' daqs medju;

Għażla 3: Titjib fl-imballaġġ għal-loġistika tal-pellets; u

Għażla 4: Mira tal-UE biex jitnaqqas it-telf tal-pellets.

L-għażla ppreferuta nbriet billi ġew ikkombinati l-għażliet l-aktar kosteffettivi u xierqa, f'termini ta' konsegwenzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali mistennija tagħhom, il-kost amministrattiv tagħhom, u l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità tagħhom.

L-għażla ta' politika ppreferuta hija kombinazzjoni tal-Għażla 1 (metodoloġija standardizzata obbligatorja sabiex jitkejjel it-telf tal-pellets) u s-Subgħażla 2b (rekwiżiti obbligatorji f'liġi għdida tal-UE b'rekwiżiti inqas stretti għall-kumpaniji mikro u żgħar). L-Għażla 1 se ttejjeb l-informazzjoni dwar il-kobor tat-telf tal-pellets tul il-katina tal-provvista (oġġettiv 2). Is-Subgħażla 2b se tnaqqas direttament l-ammont ta' pellets mitlufa fl-ambjent tal-UE (oġġettiv 1) filwaqt li timmitiga kwalunkwe impatt fuq l-SMEs fil-katina tal-provvista (oġġettiv 3).

Il-potenzjal ta' tnaqqis ta' kull għażla ta' politika ġie stmat u espress bl-użu ta' firxa minħabba xi inċertezza fir-rigward tal-linja bażi għat-telf tal-pellets. Madankollu, it-tqabbil tal-għażliet differenti huwa relattivament ċert peress li juri kif jikklassifikaw l-għażliet.

X'inhuma l-fehmiet ta' partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Matul l-OPC, madwar 80 % tar-rispondenti qablu li t-tniġġis mill-mikroplastik kien perikoluż għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Il-maġġoranza qablet li kien hemm immaniġġar mhux xieraq fl-attivitajiet kurrenti relatati mal-pellets u 87 % talbu li jkun hemm sistema leġislattiva komprensiva fil-livell tal-UE għall-kumpaniji li jimmaniġġaw il-pellets.

L-NGOs jappoġġaw bis-sħiħ l-istabbiliment ta' rekwiżiti obbligatorji armonizzati fil-livell tal-UE. Il-produtturi jqisu wkoll li dawn ir-rekwiżiti jiġu implimentati faċilment u b'mod rapidu, sakemm dawn ikunu mibnija fuq l-iskema ta' ċertifikazzjoni eżistenti tagħhom (Operation Clean Sweep). Anke r-riċiklaturi jiffavorixxu r-rekwiżiti sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fil-livell tal-UE. Il-konvertituri, magħmula l-aktar mill-SMEs, irrapportaw li xi rekwiżiti se jkunu diffiċli biex jiġu implimentati minħabba r-riżorsi limitati.

Matul l-istħarriġ immirat tal-SMEs, il-kumpaniji mikro u żgħar indikaw li l-kostijiet tal-konformità ma' ċerti rekwiżiti obbligatorji se jkunu ta' piż kbir wisq għalihom, u l-maġġoranza tar-rispondenti semmew l-appoġġ finanzjarju u l-istandard ta' kejl bħala miżuri ta' appoġġ li kieku jgħinuhom l-aktar

biex jindirizzaw it-telf tal-pellets. Għalhekk, l-għażla ppreferuta hija konformi mal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u għandha tkun aċċettabbli kemm għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?
Il-miżuri fl-għażla ppreferuta jiżguraw li l-katina kollha tal-provvista tal-pellets fl-UE tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti obbligatorji. Huwa mistenni li tikkontribwixxi għal tnaqqis ta' 60-83 % fil-volum ta' pellets rilaxxati fl-ambjent (25 – 141 elf tunnellata fis-sena), u b'hekk tikkontribwixxi għal madwar kwart tal-mira ġenerali ta' tnaqqis ta' 30 % tal-Kummissjoni għar-rilaxx tal-mikroplastiks sal-2030. It-tnaqqis fit-telf tal-pellets huwa ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-ekonomija (eż. minħabba li jattira aktar turisti u aktar ħsad tas-sajd peress li jkun hemm inqas pellets fl-ambjent). Barra minn hekk, dan jikkostitwixxi miżura ta' prekawżjoni kontra r-riskju potenzjali għal saħħet il-bniedem. Il-kostijiet huma wkoll aktar baxxi għall-komunitajiet lokali f'żoni affettwati li ma għandhomx għalfejn jiffinanzjaw l-irkupru tat-telf. Barra minn hekk, hemm <i>data</i> aħjar dwar it-telf tal-pellets disponibbli bis-saħħa tal-istandard ta' kejl. Għan-negozji, hemm xi ffrankar tal-kostijiet peress li jeħtiġilhom japplikaw standard ta' kejl wieħed biss, u jutilfu inqas pellets. Jibbenefikaw ukoll minn kundizzjonijiet ekwi bis-saħħa ta' sett wieħed biss ta' rekwiżiti obbligatorji.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?
Il-miżuri proposti huma mistennija jiswew lin-negozji minn EUR 376 sa 491 miljun addizzjonali fis-sena, minħabba li n-negozji jeħtieġ li jadattaw il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' tnaqqis tagħhom. In-negozji jeħtieġu wkoll jiffinanzjaw l-awditjar estern u ċ-ċertifikazzjoni tal-miżuri tagħhom u mbagħad jinnotifikaw lill-awtoritajiet pubbliċi. Filwaqt li l-istandard ta' kejl jinvolti kostijiet ta' aġġustament inizjali li jvarjaw bejn EUR 1,3 u 3,2 miljun, fit-tul l-implimentazzjoni tiegħu tiffirka l-flus lin-negozji minħabba li n-negozji jridu japplikaw biss proċess ta' kejl wieħed sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit ta' rapportar separat skont ir-Regolament REACH dwar it-telf tal-pellets. L-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jiffaċċaw xi kostijiet addizzjonali ta' pproċessar u ta' infurzar peress li jeħtieġ li jistabbilixxu reġistru pubbliku ta' kumpaniji ċċertifikati u jiżguraw il-konformità mar-regolament. Madankollu, dan huwa bbilanċjat mill-iffrankar minħabba l-evitar tat-tindif. Il-konsumaturi jistgħu jiffaċċaw żieda żgħira fil-kost tal-prodotti tal-plastik jekk il-produtturi tal-pellets ma jassorbux iż-żieda żgħira fil-kostijiet tal-pellets.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
Il-katina tal-provvista tal-pellets għandha sehem kbir ta' SMEs. Filwaqt li l-produtturi u r-riċiklaturi huma fil-biċċa l-kbira kumpaniji kbar, madwar 89 % tal-konvertituri u madwar 96 % tal-loġistika huma stmati li huma SMEs. Sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-għażla ppreferuta fuq l-SMEs, sar stħarriġ immirat. Mit-330 risponent, il-maġġoranza rrapportat li verżjoni inqas stretta tar-rekwiżiti obbligatorji tkun aċċettabbli. Dan tqies permezz tal-applikazzjoni tas-Subgħażla2b, li tnaqqas il-livell ta' rekwiżiti għall-kumpaniji mikro u żgħar (eż. frekwenza aktar baxxa ta' awditjar estern, l-ebda obbligu ta' investiment f'ċerti biċċiet ta' tagħmir jew proċeduri għaljin). Kif mitlub mir-rispondenti għall-istħarriġ, l-għażla ppreferuta tinkludi appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju għal dawn l-operaturi iżgħar u tistabbilixxi l-possibbiltà li jingħataw aktar żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda. Fir-rigward tal-kompetittività tas-settur tal-UE tal-pellets tal-plastik b'mod aktar ġenerali, il-kostijiet stmati tal-għażla ppreferuta jirrappreżentaw madwar 0,13 % tal-fatturat tas-settur tal-plastik tal-UE, u

għalhekk ma jippreżentawx theddida sinifikanti għall-kompetittività tas-settur. Filwaqt li l-impatti jistgħu jkunu aktar severi għall-SMEs, ir-rekwiżiti inqas stretti għal dawn l-operaturi għandhom jgħinu sabiex jittaffew dawn l-effetti. Il-miżuri japplikaw biss għal operazzjonijiet fl-UE. Dan se jkollu impatt negattiv żgħir ħafna fuq il-kompetittività internazzjonali tal-operaturi tal-UE. Madankollu, l-operaturi tal-UE se jkollhom vantaġġ jekk/meta pajjiżi oħrajn jadottaw rekwiżiti simili, eż., permezz ta' ftehim internazzjonali bħat-Trattat Globali dwar it-Tniġġis mill-Plastik.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Se jkun hemm kostijiet żgħar (EUR 313 000 għall-ewwel sena u EUR 125 000 fis-sena għall-UE) assoċjati mal-ipproċessar tar-rapportar dwar l-awditjar estern u l-infurzar tar-regolament.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
Le.
Proporzjonalità?
Il-valutazzjoni ta' din l-inizjattiva wriet li l-għażla ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva. Din tikkonforma ma' dak li l-industrija kienet indikat li jkun xieraq sabiex jitnaqqas b'mod effettiv it-telf tal-pellets u tinkludi rekwiżiti inqas stretti għall-kumpaniji mikro u żgħar li kienu indikaw il-ħtieġa li jsir dan. L-għażla ppreferuta se tnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxxi mhux intenzjonati tal-mikroplastik, u b'hekk tiġġenera benefiċċji għall-ambjent, u possibbilment għal saħħet il-bniedem, li jisbqu l-kostijiet addizzjonali assoċjati.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-mira ġenerali ta' tnaqqis ta' 30 % għall-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent hija stabbilita għall-2030. Il-progress lejn din il-mira se jiġi vvalutat kull sentejn (2024, 2026, 2028, 2030) fir-rapport dwar il-monitoraġġ tat-Tniġġis Żero. Wara r-rapport tal-2030, jista' jsir rieżami tal-inizjattiva.